SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 12 T’OTTUBRU 2001

Avviz numru 563/00DM

Middle Sea Insurance p.l.c u
Marygrace Gauci

Vs

Charles Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz ta’ liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta’ sebgha mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm765.12) dovuti bhala danni ikkawzati minnu fuq il-karozza ta’ Marygrace Gauci assikurata mas-socjeta` attrici f’incident awtomobilistiku li sehh Hal Kirkop fl-20 ta’ Settembru 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali ta’ Novembru tal-1998 oltre ghal imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni u gie dikjarat li mis-somma kumplessiva fuq msemmija s-somma ta’ sitt mija u hdax il-lira Maltin u tnax il-

centezmu (Lm611.12) u l-ispejjez tal-ittra ufficjali msemmija hija dovuta lis-socjeta` attrici bhala surrogata fid-drittijiet ta' Marygrace Gauci filwaqt illi s-somma ta' mija u erbgha u hamsin liri Maltin (Lm154) huma dovuti lil attrici Marygrace Gauci bhala hlas ta` *excess* u *loss of use*.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghda tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi Middlesea Insurance p.l.c s-somma ta' sitt mija u hdax il-liri Maltin u tnax il-cenetzmu (Lm611.12) u lil attrici Marygrace Gauci is-somma ta' mija u erbgha u hamsin liri Maltin (Lm154) bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Mejju tas-sena 2001 u bl-ispejjez konra l-konvenut.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg